MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 5/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**George Attard**

Kaz Numru: 5/2013

Illum 4 ta' Gunju, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **George Attard**, ta' sitta u hamsin (56) sena, iben Felix u Carmela neé Gatt, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-28 ta' Marzu 1956, residenti fil-fond San Gorg, Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 24356(G), akkuzat talli fit-18 ta' Novembru 2012,

ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) gewwa l-Gharb, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa l-gzira ta' Ghawdex:

1. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (Avviz Legali 79 tal-2006), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. zamm xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (Avviz Legali 79 tal-2006), kontra id-dispozizzjonijet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie dikjarat u registrat mal-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u meta ma kienx inghata il-permessi, jew certifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Lagali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza x-xbieki bi ksur ta' Regolament 7(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki tal-ghasafar protetti bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. zamm apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' Regolament 7 tal-Avviz Legali tal-

2006, u cioe' xbieki, bi ksur ta' Regolament 7(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur meta ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u cioe' ghamel uzu ta' xibka b'malji izghar minn 30 x 30 millimetru, dan bi ksur tar-Regolament 12(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoniji tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jikkonsistu fis-segwenti:

- provi dokumentarji: (a) okkorrenza (Dok. "A"), (b) rcevuta (Dok. "B"), affidavit ta' PC 1180 Paul Sultana (Dok. "C"), affidavit ta' PC 951 David Xerri (Dok. "D"), (d) affidavit ta' PS 369 Joseph Mizzi (Dok. "BS 1");
- xhud viva-voce: Gilbert Haber.

Illi l-imputat ghazel, kif inhuwa dritt tieghu, li ma jixhidx u ma ressaq l-ebda provi.

Illi kien biss wara li d-difiza talbet li jsir il-kontro-ezami ta' PC 1180 Paul Sultana u PC 951 David Xerri li dawn xehdu viva-voce quddiem il-Qorti. Ta' min jinnota li filwaqt

li l-affidavit ta' PS 369 Joseph Mizzi kien jikkoncerna ricerka li saret dwar licenzji ta' armi tan-nar u kacca li kien hemm fuq isem l-imputat, l-affidavits ta' PC 1180 Paul Sultana u PC 951 David Xerri kienu jikkoncernaw dak li allegatament gara fit-18 ta' Novembru 2012. Il-Qorti sejra tikkummenta f'dan l-istadju rigward l-affidavits ta' l-ahhar zewg ufficjali msemmija. Minn qari akkurat taz-zewg affidavits taz-zewg ufficjali imsemmija, liema affidavits jikkonsistu fi tlitt paragrafi kull wiehed, jirrizulta li dawn huma kompletament identici ghajr ghal xi ftit kliem differenti. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li xi hadd mill-ufficjali msemmija hejja l-affivadit u li l-ufficjal l-iehor semplicement ghamel *copy and paste* u biddel numru ta' kliem limitat biex taparsi jaghtih xejra ohra. Dan il-fatt wahdu jwassal lill-Qorti tiddibuta ferm mill-veracita kompleta tal-kontenut taz-zewg affidavits. Dan id-dubju jkompli jikber wara li l-Qorti semghet il-kontro-ezami mid-difiza taz-zewg ufficjali tal-Pulizija li meta xehdu in kontro-ezami kienu kontradittorji fir-risposti taghhom ghad-domandi identici li saru lilhom mid-difiza.

Illi Gilber Haber ezebixxa sett ta' tmintax (18) il-ritratti fuq disa' folji liema sett gie mmarkat bhala Dok. "GH 2". Il-Qorti tinnota li dawn ir-ritratti ttiehdu meta l-imputat ma kienx prezenti u ma tirrizultax prova jekk dawn ir-ritratti kienux proprju qed juru dak li jsir riferenza ghalihom f'uhud mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ghandha d-dubbji taghha dwar il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Il-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija tal-imputat, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment ghalkemm l-imputat qed jigi liberat mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, billi t-tajr elenkat f'ricevuta mmarkata bhala Dok. "B" fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2013 huwa tajr protett bis-sahha tal-

Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u kwindi z-zamma u l-pussess taghhom hija wahda illegali, il-Qorti qed tordna l-konfiska taghhom favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------